10 ta' Jannar, 1950.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Emmanuele Pullicino *versus* Mamante sive Amante Mifsud

**Obligazzjoni — Kawża — Simulazzjoni — Żball — Prova — Art. 1030 u 1031 tal-Kodiċi Ċivili.**

*L-obligazzjoni mingħajr kawża ma għandha ebda effett; imma l-ftehim jimxi jekk jiġi pruvat li kien hemm kawża biżżejjed, għalkemm mhux espressa. U għalhekk hija biżżejjed kawża sottintiża jew preżunta.*

*Imma meta l-kawża ma hix espressa, lanqas hija preżunta, skond il-liġi tagħna; u għandha tiġi pruvata minn min jallegaha.*

*Kawża falsa hija daqs kieku ma hemmx kawża. U kawża falsa tfisser kawża erronea jew kawża simulata.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta li bejnu, bħala proprjetarju, u bejn il-konvenut, bħala detentur, tal-fond infraskritt, kien hemm vertenza dwar il-proprjetà ta' l-armatura u oġġetti li kien hemm fil-ħanut li kien użat bħala bazaar Bormla, St. Paul's Street, no. 69, li ġie distrutt bil-ħidma tal-għadu fl-aħħar gwerra; illi bejn l-istess kontendenti saret skrittura privata datata 27 ta' April 1948, li vera kopja tagħha tinsab eżibita (dok. A), u li in forza tagħha hu awtorizza lill-konvenut li jirtira mill-War Damage Commission Department il-flus kollha dovuti għall-oġġetti u armatura li kien hemm fil-fond fuq imsemmi, u minn dik issomma li kellu jirtira l-konvenut dan ipprometta u obliga ruħu li jagħtih it-terz minnha, b'riżerva tad-dritt ta' l-attur li jara d-dokument li jiġi mibgħut lill-"payee" qabel il-ħruġ taċ-cheque; illi hu sar jaf li l-konvenut irtira u żbanka mill-War Damage Commission Department bħala kumpens għad-distruzzjoni ta' l-armatura u oġġetti li kien hemm fl-imsemmi ħanut is-somma ta' £75, jew ċirka dak l-ammont; talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u jittieħdu l-provvedimenti neċessarji, il-konvenut jiġi kundannat iħallsu s-somma ta' £25 jew somma verjuri korrispondenti għat-terz, sive mit-tlieta waħda, mill-ammont li żbanka l-konvenut mill-imsemmi dipartiment għall-kawżalijiet fuq indikati; bl-ispejjeż legali minn notifika ta' l-ittra uffiċjali tal-11 ta' Marzu 1949 sal-lum; bl-

ispejjeż kontra l-konvenut, inklużi dawk ta' l-imsemmija ittra uffiċjali;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet fol. 7, li biha l-konvenut oppona ruħu għad-domanda ta' l-attur, peress li l-obligazzjoni derivanti mill-iskrittura tas-27 ta' April 1948 hija mingħajr kawża;

*Omissis;*

Irriflettiet;

Illi fin-nota ta' kommenti tal-konvenut fol. 36, l-eċċezzjoni fuq imsemmija ġiet estiża fis-sens illi, ankorkè kien hemm fl-iskrittura l-kawża pretiża mill-attur, din hija falsa. Għalhekk l-eċċezzjoni hi mhux biss ta' ineżistenza ta' kawża, iżda wkoll ta' falsità ta' kawża, jekk eżistenti. Hu magħruf li kawża falsa tfisser jew kawża erronea jew kawża simulata;

Kwantu għall-ineżistenza tal-kawża;

Illi għalkemm skond l-art. 1030 Kap 23, l-obligazzjoni mingħajr kawża ma għandha ebda effett, eppure skond l-art. 1031 idem, il-ftehim jibqa' jiswa jekk jiġi pruvat li kien hemm kawża biżżejjed, għalkemm mhux espressa. Hija biżżejjed, għaldaqstant, il-"causa sottointesa o presunta" — kif isejħilha l-Giorgi (Teor. Obblig. para. 442);

Illi ma jistax ikun hemm dubju li fl-obligazzjoni in kopja fol. 5 (aċċettata mill-partijiet bħala kopja vera) ma hemmx espressa ebda "causa debendi". Għalhekk, biex jirnexxi fl-assunt tiegħu, l-attur għandu jipprova, skond l-art. 1031, li kien hemm kawża biżżejjed, għalkemm mhux espressa;

Illi din il-prova tmiss lill-attur, fis-sistema tal-liġi Maltija. Fid-dottrina, il-kwistjoni hi gravi. Awturi, bħad-Duranton, Delvincourt, u Aubry et Rau, isostnu li l-prova tmiss lil min jallega li l-kawża, għalkemm mhux espressa, teżisti. Oħrajn, bħat-Touillier, Marcadè, Demolombe, u Colmet de Santerre, isostnu li l-kawża, sa prova kuntrarja, għandha tiġi preżunta. Il-Kodiċi Taljan, fl-artikolu appożitu (1121 Codiċi Civili), aċċetta din it-tieni opinjoni; iżda dan l-artikolu ma hemmx fil-Kodiċi Malti; u l-art. 1031 tal-Kodiċi Tagħna juri biċ-ċar li, meta ma hix espressa, il-kawża ma hix preżunta, iżda għandha tiġi pruvata;

Irriflettiet;

Illi l-provi mismugħa juru li f'dan il-każ ma kienx hemm biss il-"cur contraxit", ossija l-"causa debendi". Minn żmien twil bejn il-kollitiganti kien hemm vertenza dwar l-ispettanza ta' l-oġġetti u armatura li kien hemm fil-ħanut Bormla, St. Paul's Street, nru. 69, li ġie distrutt bil-bombi waqt l-aħħar gwerra. Saret "claim" lill-War Damage Commission. Il-kwistjoni għalhekk ġiet konkretata fuq l-ispettanza tal-flus tal-"claim". Fl-aħħar il-kollitiganti ġew għal transazzjoni, u saret l-iskrittura eżibita in kopja fol. 5. Il-"causa debendi" kienet il-pretensjoni ta' l-attur li hu kellu sehem minn dawk l-oġġetti u mill-armatura. Il-konvenut stess, fix-xhieda tiegħu (fol. 26 tergo) qal li hu inkarika lill-Prokuratur Legali D'Amato biex jirranġahom — lilu u lill-attur; għahekk, avvolja mhux espressa, il-"causa debendi" kienet teżisti fil-waqt ta' l-iskrittura;

Kwantu għall-falsità tal-kawża;

Illi l-konvenut għandu raġun igħid li l-kawża falsa hi daqs kieku ma hemmx kawża. Igħid a propożitu l-Pothier (Delle Obbligazioni, n. 42):— "Allorchè una obbligazione non ha causa, ovvero, ciò che torna lo stesso, quando la causa per la quale è stata contratta risulta falsa, l'obbligazione è nulla, ed è pur nullo il contratto che la contiene". Kawża falsa vwoldiri kawża erronea, jew kawża simulata. Issa, fil-każ preżenti l-kawża ma kienetx falsa; għaliex il-provi juru li verament bejn il-partijiet kien hemm din il-kwistjoni dwar l-oġġetti u l-armatura tal-ħanut, u li saret transazzjoni bl-iskrittura fuq imsemmija. Lanqas jista' l-konvenut isostni li għalih il-kawża kienet falsa "per la credulità di un fatto che in realtà non sussiste" (Giorgi, idem para. 443); għaliex ankorkè l-ittra li hu rċieva minn għand l-attur fil-21 ta' Lulju 1940, eżibita bin-nota fol. 10, kienet mitlufa, hu però kien jaf biha u bil-kontenut tagħha, u intant ittransiġa u għamel il-ftehim inkorporat fl-iskrittura. Dan ifisser raġjonevolment li, anki b'dik l-ittra b'kollox, il-konvenut kien jirritjeni li l-kwistjoni kienet "res dubia"; għalhekk fl-iskrittura jinsab l-"aliquid datum" (it-terz tal-kumpens) u l-"aliquid retentum" (il-kumplament ta' żewġ terzi għall-konvenut). Il-każ ċitat mill-konvenut fin-nota tiegħu, meħud mill-insenjamenti tal-Laurent, hu divers; għaliex, f'dak il-każ in-neputi eredi ma kienx jaf li

z-ziju, decujus, kien ħallas u kellu riċevuta, mentri l-konvenut f'dan il-każ kien jaf bl-ittra u l-kontenut tagħha meta iffirma l-iskrittura. Żball għalhekk ma kienx hemm, li kien jista' jipproduċi l-kawża erronea, forma tal-kawża falsa. Lanqas kien hemm il-forma l-oħra tal-kawża falsa, is-simulazzjoni; għaliex il-partijiet ma riedux jaħbu kawża vera b'kawża larvata;

Illi għalhekk l-obligazzjoni kienet valida;

Irriflettiet;

Illi mill-provi deher illi l-konvenut, kieku ma tnaqqsux mis-somma t-£13 li hu ġa ħa qabel minn li Special Government Relief Grant, kien jieħu £73. 12, 7; minflok hu ħa l-bilanċ ta' £59. 12. 7 mill-War Damage Commission. Il-konvenut, fit-tarf tan-nota tiegħu, igħid in subordine li, se maj, l-attur għandu dritt għal terz ta' din is-somma bilanċjali, u mhux tas-somma ta' £72. 12. 7. Il-Qorti ma tistax taqbel ma' dan l-argument tal-konvenut. Il-kuntratti għandhom jiġu interpretati in bwona fede; u kif jidher mit-tieni paragrafu ta' l-iskrittura, l-obligazzjoni kienet tirrigwarda l-"flus kollha dovuti għall-oġġetti u armatura li kien hemm fil-fond 69, Strada San Paolo, Cospicua, mill-War Damage Commission". Mhux il-bilanċ, iżda l-flus kollha. Hu intuwitiv li dak li l-konvenut laħaq ħa mill-Grant tar-Relief qabel, hu parti integrali mis-somma dovuta għall-oġġetti u għall-armatura. Kieku kellha tinqata' dik is-somma, allura l-attur ma jiġix li jieħu t-terz ta' dawk il-flus, imma anqas — kuntrarjament għall-ftehim;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Din il-Qorti tiddeċidi;

Billi tilqa' t-talba ta' l-attur għas-somma ta' £24. 4. 2, bil-lukri legali mill-11 ta' Marzu 1949, u bl-ispejjeż.

---